10 ta' Diċembru, 1951
Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

A.I.C. Gustavus Romeo Vincenti *versus* Antonio Falzon

**Retratt — Spejjeż Utili — Ġebel — Trasport — Art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-ispejjeż għat-trasport ta' ġebel magħmul mir-retrattarju bi skop li jużah għal bini li kien fi ħsiebu jagħmel fil-fond li rkupraalu, huma spejjeż utili fis-sens tal-liġi, u għalhekk huma rimborżabili lir-retrattarju mir-retraent.*

*Imma jekk ir-retraent ikun aċċa lir-retrattarju li jrid iżomm dak il-ġebel u jħallas tiegħu lir-retrattarju, u dan, b'dana kollu, jieħu lura dak il-ġebel biex jutilizzah band'oħra, ir-retrattarju ma għandux dritt kontra r-retraent għal-ispejjeż tat-trasport ta' dak il-ġebel.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biħ l-attur, wara li ppremetta illi fl-okkażjoni tar-retratt eżerċitat minnu kontra l-konvenut, tal-fond numri 187/188 High Street, San Ġiljan, b'ċedola tat-13 ta' Mejju 1947, il-konvenut ippretenda s-somma ta' £726. 5. 0, skond nota unita maċ-ċitazzjoni (dok. A), u huwa ħallas dana l-ammont u l-interessi relativi b'riżerva, aċċettata mill-konvenut, illi jitlob lura kwalunkwe eċċess li talvolta jirriżulta; u illi mis-somma ta' £164, senserija ta' Vincent Camilleri, il-konvenut ma ħallasx ħlief in-nofs, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u s-somma ta' £151. 15. 0 għal xogħlijiet ta' skav u trasport hija eżaġerata ħafna; talab li tiġi likwidata s-somma li nefaq leġittimament għal skavament, trasport u ma-

terjal, u trasport tal-ġebel għall-bini, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu l-imsemmija somma ta' £82, nofs is-somma ta' £164, u dik il-parti tal-£151. 5. 0, li tiġi likwidata, ċjoè illi tirriżulta eċċessiva; u dana bl-imgħax relativi, kwantu għal £82 mill-15 ta' Mejju 1946, u kwantu għas-somma l-oħra li tirriżulta mir-riċezzjoni ta' £151. 15. 0 mill-1 ta' Mejju 1946. Bl-ispejjeż:

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-12 ta' April 1951, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur fis-sens però illi l-konvenut ġie kundannat jagħtih lura s-somma ta' £114 10. 1; kwantu għal £34 relativament għall-ħlas ta' senserija, u kwantu għall-bqija relativament għall-ispejjeż l-oħra neċessarji jew utili magħmulin fil-fond, bl-imgħaxijiet mill-jum ta' l-iżborżi rispettivi skond il-liġi; u ordnat illi l-ispejjeż tal-kawża u relativi jitħallsu, kwantu għal terz minnhom mill-attur u l-bqija mill-konvenut; wara li kkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-konvenut jirriżulta illi dan ħallas għas-senserija s-somma ta' £130 biss; għaliex jirriżulta illi meta huwa ħallas il-bilanċ ta' £64 li kien fadallu jagħti lis-sensal, dana tah lura £34 minnhom;

Illi mill-perizja jirriżulta illi l-konvenut nefaq £35. 5. 3 għat-tagħbija u trasport tal-materjal; £42. 15 .0 għat-taqtigħ ta' l-istess materjal; £4. 6. 2 għall-ħatt tal-ħajt ta' barra; u £83. 14. 0 għall-ġarr ta' ġebel minn San Ġiljan, fejn huwa l-fond irkuprat, sa Birkirkara;

Li skond il-liġi "ir-retraent għandu jħallas lura lir-retrattarju l-prezz tal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru, u kull spiża leġittima oħra li jkun għamel ix-xerrej f'dak il-bejgħ, kif ukoll l-ispejjeż kollha meħtieġa u utili magħmulin fil-ħaġa mix-xerrej innifsu jew minn kull possessur ieħor, ukoll jekk, għal xi raġuni li għaliha ma għandux iwieġeb la r-retrattarju u lanqas ebda possessur ieħor ta' qablu, ma jibqax l-effett ta' dawk l-ispejjeż"—art. 1493 Kodiċi Ċivili;

Li l-ħlas tas-senserija hija spiża leġittima magħmula mill-konvenut fl-okkażjoni tal-bejgħ li ta lok għar-retratt;

Li mill-ispejjeż l-oħra riżultanti mill-perizja, ġà fuq speċifikati, dawk biss relativi għat-tagħbija u trasport tal-materjal, għat-taqtigħ ta' dak l-istess materjal, u għall-ħajt ta' bar-

ra, għandhom jiġu rimborżati lill-konvenut; għaliex dawn biss jidħlu fl-ispejjeż utili magħmulin fil-ħaġa li l-liġi ssemmi fl-artikolu ċitat tal-Kodiċi Ċivili, u ma tidħolx, f'dawk l-ispejjeż, in-nefqa għall-ġarr tal-ġebel fuq imsemmi, li l-konvenut kien ħa ġol-fond għall-bini tal-pedamenti mill-istess fond f'post ieħor f'Birkirkara, meta ġie eżerċitat ir-retratt, għaliex dina l-ispiża ma saretx fil-fond, anki billi dak il-ġebel ġie meħud mill-konvenut non ostanti li l-attur, mistoqsi mill-istess konvenut x'kellu jagħmel b'dak il-ġebel, qallu biex iħallih fil-post u jħallsu t'egħu. U allura, anki jekk il-konvenut bata l-ispiża relativa, jimputa lilu nnifsu dak id-dannu; il-għaliex seta' jevitah billi jħalli l-ġebel fejn kien mingħajr l-ebda telf, għaliex l-attur kien obliga ruħu li jħallsu tiegħu. Ċertament dina l-ispiża ma tistax tiġi mdaħħla f'dawk l-ispejjeż leġittimi inkorsi mill-konvenut fl-okkażjoni tal-bejgħ kontemplatı fl-ewwel lok fis-suċċitat artikolu tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis;*

Li billi l-attur ħallas lill-konvenut £164 għas-senserija fil-waqt li kellu jħallas biss is-somma ta' £130, is-somma li l-istess konvenut għandu jagħti lura lill-attur hija dik ta' £34; u billi l-attur għall-ispejjeż neċessarji jew utili, fuq indikati, ħallas lill-istess konvenut is-somma ta' £151. 5. 0, fil-waqt li dan għandu d-dritt jieħu lura biss is-somma ta' £70. 14. 11, is-somma li huwa għandu jirrifondi lill-attur tammonta għal £80. 10. 1;

Li għaldaqstant il-konvenut għandu b'kollox jirrifondi lill-attur is-somma totali ta' £114. 10. 1;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu rigettati d-domandi ta' l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-appellant kien ġieb minn Birkirkara għal San Giljan, fil-fond irkuprat, kwantità ta' ġebel biex iservi għall-pedamenti tal-bini li kien fiħsiebu jtalla'. L-appellant kien akkredita ruħu għall-ispiża tat-trasport ta' dak il-ġebel, u l-appellant kien ħallsu; iżda bis-sentenza appellata ġie rikonoxxut l-obligu ta' l-istess appellant li jrodd lura

l-flus lilu mħallsa għal dak it-trasport, għaliex ma kienux lilu dovuti;

Fuq dan il-pont, jingħad li din il-Qorti, b'sentenza tal-14 ta' Frar 1947 in re "Micallef vs. Dr. Caruana" (Kollez. Vol. XXXIII Parte I, pag. 21), irriteniet li t-trasport ta' l-istess ġebel magħmul mir-retrattarju fil-fond irkuprat bi skop li jużah għall-bini li kellu ħsieb jagħmel jikkostitwixxi spiża utili fis-sens ta' l-art. 1493 tal-Kodiċi Ċivili, li għalhekk għandha tiġi rimborżata lir-retrattarju mir-retraent. F'dak il-każ kienet saret dikjarazzjoni mir-retraent li huwa dak il-ġebel ma kellux bżonnu u ma riedux, u b'dana kollu l-istess retraent ġie kundannat iħallas l-ispiża tat-trasport, tant biex il-ġebel ġie meħud fil-fond irkuprat kemm biex jiġi mneħħi minn hemm mir-retrattarju. Iżda fil-każ in eżami l-pożizzjoni hija differenti. L-attur appellat qal lill-appellant biex il-ġebel li ġarr fil-fond iħallih hemm u jħallsu tiegħu, iżda l-appellant ma tax każ ta' dan, u mingħajr ma avża lil ħadd ħa lura l-ġebel u ttrasportah Birkirkara, u hemm impjegah f'bini ieħor li kien qiegħed ital-la'. B'dan il-mod l-appellant bil-fatt tiegħu ġie ppriva lill-attur mill-utili li seta' jieħu mit-trasport ta' dak il-ġebel u mill-impjeg tiegħu; u dan evidentement għax qabillu li jisserva b'dak il-materjal għall-kostruzzjonijiet tiegħu; u għalhekk ma jistax ikun lilu leċitu li jirreklama dik l-ispiża tat-trasport wara dak l-aġir arbitrarju tiegħu u preġudizzjevoli għall-attur. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, jekk qatt l-appellant jiġi jbati xi ħaġa in konsegwenza ta' dak l-aġir tiegħu, "imputet sibi", billi d-dannu seta' jevitah kieku ħalla l-ġebel fil-post irkuprat, għaliex l-attur kien obbliga ruħ li jħallsu;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq migjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti li huma adottati, l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fit-12 ta' April 1951; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.

---